MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2007

Numru 862/1999

Il- Pulzija
(Spettur Francis Micallef)

-vs-

Christian Grixti

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

Christian Grixti ta’ 19 il-sena bin Maurice u Josephine nee Sciberras imwieled Pieta fid-29 ta’ Settembru 1980 u li joqghod 56 St Agatha Street Sliema detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 496480M

Talli nhar il-11 ta' Awissu 1999 bejn is-7.00pm u l-11.00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm500 ghad-dannu ta' Anthony Mizzi u/jew il-kumpanija ta'l-assigurazzjoni.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat wiegeb li huwa mhux hati ghall-imputazzjonijiet lilu adebieti.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda u d-dokumenti prezentati.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza li saret quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fit-30 ta' April 2007 meta l-partijiet qablu li l-provi prodotti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta ghandhom jittiehdu daqs li kieku prodotti quddiem il-Qorti kif preseduta.

Semghat il-partijiet jergghaw jaghmlu sottomissijiet dwar il-kaz.

Rat l-artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija dik ta' hsara volontarja fuq propjeta mobbli ossia vettura propjeta ta' Anthony Mizzi. Skond l-imputazzjoni l-hsara hija ta' aktar minn hames mitt lira Maltija (Lm500).

Mill-atti jirrizulta li fil-11 ta' Awissu 1999 il-vettura ta' Anthony Mizzi, li dak in-nhar kienet misjuqa minn missieru, giet ipparkjata wara *restaurant* f' Triq it-Torri

Sliema maghruf b'l-isem *TGI Friday*, hdejn *skips* li kienu jintuzaw minn dan ir-*restaurant* ghar-rimi ta' l-iskart.

Jirrizulta ukoll li minhabba l-mod kif kienet ipparkjata l-vettura biswit wahda minn dawn l-*iskips* din ma setghatx tintuza ghaliex ma kienx hemm access effettiv ghaliha.

Jirrizulta ukoll mill-atti li dak in-nhar ta' l-incident l-imputat kien impjegat mas-socjeta li tigestixxi r-*restaurant* in kwistjoni u li kien il-persuna nkarigat mir-rimi ta' l-iskart. In oltre jirrizulta li dak in-nhar kien hu biss li hareg b'l-iskart (erbgha darbiet) hlief ghall-ahhar darba meta talab l-ghajnuna ta' persuna ohra Christian Sherif; dan Christian Sherif fil-fatt hareg flimkien ma'l-imputat biex jghinu jgorr xi skart din ir-raba darba.

Illi meta hareg Christian Sherif ma'l-imputat, dan (Sherif) mill-ewwel nduna li kien intefa skart fuq karozza li kienet ipparjata hdejn l-*iskip*; hu fil-fatt meta ra l-karozza qal: "il-istrina x'ghamlulha din il-karozza" u telaq jigri l-gewwa[1].

Illi l-imputat jallega li hu ma nnotta xejn fil-karozza, lanqas meta hareg ir-raba darba ma' Christian Sherif. Fil-fatt f'l-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija a tempo vergine[2] l-imputat jghid li l-ewwel darba li sar jaf xi haga fuq dan l-incident kien meta gie sid il-vettura fir-restaurnat u baghat ghalih il-manager. Waqt li l-imputat kien qed jixhed quddiem il-Qorti ta verzjoni differenti fis-sens li qal li meta hareg ir-raba darba ma' Christian Sherif dan irrimarkalu xi haga dwar l-istat tal-karozza ghalkemm hu ma nnotta xejn[3].

Illi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju, ghax jirrizulta ampjament, li meta l-imputat hareg ir-raba darba ma' Christian Sherif kien diga intrema l-iskart fuq il-vettura ta' Anthony Mizzi. Tenut kont ta' dan, u tenut kont ukoll tad-dehra tal-vettura (din hija riprodotta fir-ritratti mehuda minn PC 1366 Jesmond Micallef[4]) kif ukoll tal-fatt li l-imputat jammetti li kellu struzzjonijet biex iserrah l-iskart

[1] Ref xhieda mghotija minnu a fol 78 tal-process
[2] Esebieta a fol 9 tal-process
[3] Ref xhieda ta'l-imputat: l-ahhar paragrafu a fol 105 kif ikompli a fol 106
[4] Esebieti mar-relazzjoni tieghu a fol 19 tal-process

ma'l-*iskip* li kienet ezatti hdejn il-karozza u ghalhekk anke huwa kellu jmur ezatti biswit il-vettura, issib il-versjoni ta'l-imputat, in kwantu ma nnotta xejn fil-karozza lanqas meta hareg ma shiehbu, inverosimili ghall-ahhar. U dan jimpingi fuq il-kredibilita tieghu.

Illi mill-provi jirrizulta ukoll li xi hadd ta daqqiet ta' sieq fuq il-vettura in kwistjoni tant li nstabu daqqiet fuq il-*bonnet* ta' quddiem u fuq il-bieba tax-xufier. Kien hemm ukoll impronti ta' zarbun fuq il-*bonnet* u l-bieba liema impronti gew elevati.

Illi mix-xhieda ta' l-espert Marin Bajada jirrizulta li l-impronti mehuda minn fuq il-karozza kienu identici ghal dawk taz-zarbun li kien liebes dak in-nhar l-imputat. Pero Martin Bajada qal li minhabba li l-*lifters* (l-impronta elevata) mhux *three dimentional* u minhabba l-fatt li (skond l-istess Martin Bajada) x'aktarx li hawn hafna zraben bhal ta'l-imputat[5] dak li huwa seta' jikkomferma kien li l-impronti mehuda min fuq il-vettura saru minn zarbun bhal dak ta'l-imputat.

Illi d-difiza tisottmometti li l-unika prova li setghet b'xi mod dirett torbot l-akkadut ma'l-imputat kienet l-impronta taz-zarbun. Pero, id-difiza, anke minhabba l-opinjoni espressa mill-espert Martin Bajada, tissottometti li din il-prova ma rrizultatx u li ghalhekk l-imputat ghandu jigi liberat.

Illi l-Qorti hija ta' fehma differenti. L-espert Martin Bajada qal minghajr tlaqliq li l-impronta fuq il-vettura ta' Anthony Mizzi saret minn zarbun identiku ghal dak li kien liebes l-imputat dak in-nhar ta' l-incident. Dan il-fatt ghandu jittiehed ma' elementi ohra ta' prova migjuba f'dan il-kaz (u cioe l-fatt li l-imputat kien l-persuna nkarigat mir-rimi ta' l-iskart u li kien l-imputat biss li hareg biex jarmi l-iskart fil-gurnata in kwistjoni) li ghalkemm provi indizjarji jitfghu l-htija fuq l-imputat.

Illi kif gie ritenut mill-Qrati taghna, fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta'

[5] Ref xhieda ta' Martin Bajada in kontro-ezami a fol 92 tal-process

l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lill' hemm minn kull dubju ragonevoli mir-reita ta'l-imputat[6].

Illi tenut kont ta'dan l-insenjament, tal-fatti kollha li jirrizultaw mill-atti, u tal-mod kif xehed l-imputat (xhieda li thalli dubju fuq il-kredibilita tieghu) il-Qorti hija sodisfatta li kien l-imputat li kkawza l-hsara fil-vettura ta' Anthony Mizzi.

Illi dwar il-hsara l-Qorti tirrileva li l-imputazzjoni tirreferi ghal hsrara f' ammont li jeccedi l-hames mitt lira Maltija (Lm500). Mill-atti pero' dan ma jirrizultax. Fil-fatt ma tirrizulta l-ebda stima tal-hsara; lanqas hemm xi xhieda jew dokument li jistghu jindikaw kemm thallas sid il-vettura Antony Mizzi mis-socjeta assikuratrici tieghu.

Illi kif gie ritenut mill-Orati taghna "biex tigi determinata l-hsara ghall-finijjet ta' l-artikolu 325(1) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant…; jew (ii) il-parte leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija…; jew (iii) billi jigi jitqabbad perit mill-Qorti…."[7]. Fil-kaz odjern ma tqabadx perit u l-parte leza ma qallietx kemm kienet tammonta l-hsara. Mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li giet kkawzata hsara u li din tinkwadra ruhha almenu f'l-ipotesi prevista mill-paragrafu (c) tas-subinciz 1 ta'l-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe hsara li teccedi l-ghaxar liri pero ma tiskorriex l-hamsin lira.

Illi dwar il-piena l-Qorti tirrileva li dan l-incident sehh tmien snin ilu, li Anthony Mizzi gie kkumpensat ghad-danni sofferti mis-socjeta assikuratrici tieghu, li l-fedina penali (anke dik aggornata) ta' l-imputat hija wahda netta u li meta sehh l-incident l-imputat kellu tmintax il-sena.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-

[6] Ref Pulizija vs Paul Grech (Appell Kriminali 06.04.2001); Pulizija vs James Abela (Appell Kriminali 11.07.2002)
[7] Ref: Pulizija vs Joseph Zahra (Appell Kriminali 24.02.2003)

kundizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mill-llum. Il-Qorti spejgat lill-hati bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta’ tlett xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------